**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 160**

L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.01 p.m.

Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, ippresjeda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia u s-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti kienu msiefra fuq xogħol tal Gvern.

L-Onor. Ray Abela, l-Onor. Jerome Caruana Cilia, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Randolph De Battista u l-Onor. Omar Farrugia kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech kien imsiefer fuq xogħol tal-partit.

L-Onor. Abigail Camilleri kienet skużata.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett u l-Onor. Graham Bencini kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 159 li saret fl-24 ta' Ottubru 2023 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

Id-Deputy Speaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2407 Rapport tal-parteċipazzjoni tal-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Alex Muscat u l-Onor. Joe Giglio, fit-30 Laqgħa Annwali tal-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Koperazzjoni fl-Ewropa li nżammet ġewwa Vancouver, il-Kanada, bejn id-29 ta' Ġunju u l-4 ta' Lulju 2023; u

P.L. 2408 Opinjoni Finali datata 25 ta' Ottubru 2023 flimkien ma' korrispondenza oħra relevanti għall-investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Edukazzjoni dwar trasferiment ta' Kap ta' Skola bla ebda pre-avviż, u li s-Sedja rċeviet mill-Uffiċċju tal-Ombudsman (Każ Nru CEDUC-23-3507) ai termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11014 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2409 Informazzjoni dwar konsulenti ingaġġati mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-perjodu bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12483;

f'isem il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2410 Informazzjoni dwar konsulenti ingaġġati mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ għall-perjodu bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12486;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2411 Informazzjoni dwar konsulenti ingaġġati mal-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal għall-perjodu bejn Ottubru 2022 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12487;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2412 Tagħrif dwar benefiċjarji tal-iskema ERDF fil-perjodu bejn Jannar 2017 u Ottubru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12300;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2413 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża fl-ismijiet Digisec Media Limited vs Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) u l-Avukat Ġenerali (Rikors Numru 111/2018/ RGM), deċiża fil-31 ta' Ottubru 2019 u deċiżjoni amministrattiva mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) fir-rigward ta' Vodafone Malta Limited datata 15 ta' April 2019, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12339;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2414 Traffic Management Authorisation: Full Scheme – Authorisation 50/TMD/21/(46B) maħruġa fit-13 ta' Ottubru 2023 għal ċerti toroq fir-Rabat, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12562;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2415 Service Concession Agreement bejn il-Gvern ta' Malta u Henley & Partners Government Services Ltd rigward il-promozzjoni u l-marketing tal-Programm ta' Malta ta' Residenza u Visa (MRVP), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12359; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2416 Rapport Annwali tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) għas-sena 2022,

P.L. 2417 Rapport Annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2022.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR GVERN LOKALI – ABBOZZ NRU 71**

Il-Kamra rriżumiet mill-24 ta' Ottubru 2023 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar Gvern Lokali, Kap. 363."

**PERMESS TAL-KAMRA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa talab il-permess tal-Kamra biex jagħmel kjarifika dwar risposta li kien ta iktar qabel għall-mistoqsija supplimentari fil-ħin tal-Mistoqsijiet.

Il-permess ma ngħatax.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR GVERN LOKALI – ABBOZZ NRU 71 (KONTINWAZZJONI)**

Il-Kamra rriżumiet minn ftit tal-mumenti qabel id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Gvern Lokali.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Chris Fearne, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Romilda Zarb u l-Onor. Naomi Cachia għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Claudette Buttigieg, l-Onor. Ivan Castillo, l-Onor. Graziella Galea u l-Onor. Alex Borg għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fis-6.56 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali l-Onor. Owen Bonnici, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 30 ta' Ottubru 2023, fis-6.00 p.m. b'din l-aġenda:

**MOZZJONIJIET**

Estimi Ġenerali ta' spiża għas-sena 2024 – Dikjarazzjoni Finanzjarja

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq, is-seduta tat-Tnejn, 30 ta' Ottubru 2023 fejn se jiġi ppreżentat il-baġit għas-sena 2024, tkun imxandra wkoll b'mod dirett mill-Public Broadcasting Services u li d-diskors tal-baġit se jiġi mxandar bil-lingwa tas-sinjali.

Skont l-istess ftehim milħuq, fil-bidu ta' din is-seduta, fotografi u *cameramen* se jitħallew jieħdu ritratti/filmati għal ftit minuti.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Chris Agius.

Fis-7.23 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 30 ta' Ottubru 2023, fis-6.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. DAVID AGIUS**
**DEPUTY SPEAKER**